IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 11.4.2012
COM(2012) 168 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/60/KE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/60/KE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## 1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2005/60/KE (minn hawn 'il quddiem imsejħa t-Tielet AMLD) tistabbilixxi l-qafas imfassal biex jipproteġi s-saħħa, l-integrità u l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji u l-kunfidenza fis-sistema finanzjarja b'mod ġenerali, kontra r-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Ir-regoli tal-UE huma fil-biċċa l-kbira tagħhom ibbażati fuq standards internazzjonali adottati mit-Task Force għal Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force - FATF) u, billi d-Direttiva ssegwi approċċ ta' armonizzazzjoni minima, il-qafas huwa kkompletat b'aktar regoli adottati fuq livell nazzjonali[1].

L-FATF wettqet reviżjoni fundamentali tal-istandards internazzjonali, li laħqet il-qofol tagħha bl-adozzjoni ta' sett ġdid ta' rakkomandazzjonijiet fi Frar 2012[2]. B'mod parallel mal-proċess internazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea wettqet ir-reviżjoni tagħha stess tal-qafas Ewropew. Din ir-reviżjoni inkludiet studju estern ippubblikat mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tat-Tielet AMLD (minn hawn 'il quddiem l-istudju Deloitte)[3], kuntatti u konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet interessati privati u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili[4], kif ukoll ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet regolatorji u superviżjorji tal-Istati Membri tal-UE.

It-Tielet AMLD inkarigat lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport ta' implimentazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, inkluża eżaminazzjoni speċifika tat-trattament tal-avukati u ta' professjonisti legali indipendenti oħrajn (Artikolu 42). Intalab rapport ieħor dwar il-perċentwali operattivi fir-rigward tal-identifikazzjoni tas-sidien benefiċjarji (Artikolu 43).

Dan ir-rapport għandu tliet għanijiet:

1. li jipprovdi reazzjonijiet mill-proċess ta' reviżjoni tal-Kummissjoni dwar kif ġiet applikata d-Direttiva;

2. li jissodisfa l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 42 u 43 tat-Tielet AMLD;

---

1 Id-Direttiva hija parti minn sett usa' ta' miżuri leġiżlattivi mmirati lejn il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inklużi r-Regolament 1781/2006 (informazzjoni dwar min iħallas li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi), ir-Regolament 1889/2005 dwar il-kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità, id-Deċiżjoni 2000/642 dwar l-arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intelliġenza finanzjarja tal-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll l-istrumenti legali tal-UE dwar l-iffriżar tal-assi.

2 http://www.fatf-gafi.org/dataoecd/49/29/49684543.pdf

3 Final Study on the Application of the Anti-Money Laundering Directive, Deloitte, Diċembru 2010, http://ec.europa.eu/internal_market/company/docs/financial-crime/20110124_study_amld_en.pdf

4 Barra minn hekk, fl-2011 ġew organizzati 2 laqgħat għall-partijiet interessati fis-settur privat.

3. li jikkunsidra l-ħtieġa għal bidliet possibbli fil-qafas fid-dawl tas-sejbiet tal-Kummissjoni, kif ukoll l-istandards internazzjonali li għadhom kif ġew adottati.

Wara l-adozzjoni ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni tistieden il-partijiet interessati kollha biex jagħtuha r-reazzjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni beħsiebha tipproċedi bit-tħejjija ta' testi leġiżlattivi bil-għan li jiġu adottati fil-ħarifa tal-2012.

## 2. Applikazzjoni tad-Direttiva

Dan ir-rapport kien strutturat fuq għadd ta' temi ewlenin identifikati, li huma ċentrali għall-għanijiet tat-Tielet AMLD. Taħt kull tema, tingħata kunsiderazzjoni lejn kif ġew applikati r-regoli eżistenti, liema fatturi jistgħu jwasslu għal tibdiliet (li jirriżultaw b'mod partikolari mill-proċess ta' reviżjoni internazzjonali), u x'jistgħu jkunu l-għażliet possibbli sabiex jinbidlu r-regoli eżistenti tal-UE. Minbarra r-reviżjoni tematika, hemm analiżi speċifika li hija ddedikata lill-kwistjonijiet li ġew identifikati fl-Artikoli 42 u 43 tad-Direttiva. Fl-aħħarnett, l-anness għal dan ir-rapport jindirizza kwistjoni li hija relatata mill-qrib, jiġifieri t-trasferimenti finanzjarji elettroniċi transkonfinali.

### 2.1. L-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskji (Risk Based Approach -RBA)

Approċċ ibbażat fuq ir-riskji jippermetti approċċ aktar immirat u ffokat għall-valutazzjoni tar-riskji u l-applikazzjoni tar-riżorsi għal fejn huma l-aktar meħtieġa. Il-qafas eżistenti tal-UE diġà fih elementi li jippermettu li RBA jiġi applikat mill-Istati Membri, mill-awtoritajiet involuti fis-superviżjoni kif ukoll mill-istituzzjonijiet u l-persuni responsabbli mill-applikazzjoni tar-regoli tal-AML (Anti-Money Laundering - AML)/CFT (Countering the Financing of Terrorism - CFT) (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"entitajiet obbligati").

Id-Direttiva tħalli lok għall-pajjiżi biex ifasslu l-RBA tagħhom stess u biex jiddeċiedu fuq il-livell tal-miżuri bbażati fuq ir-riskji li jistgħu jiġu applikati mill-entitajiet obbligati. L-istudju Deloitte rrapporta li diversità wiesgħa ta' miżuri nazzjonali tista' tikkomplika l-konformità transkonfinali, u li hemm nuqqas ta' gwida prattika disponibbli.

L-istandards il-ġodda tal-FATF wessgħu l-applikazzjoni tal-RBA. Fil-livell nazzjonali, il-pajjiżi huma obbligati li jidentifikaw, jivvalutaw u jifhmu r-riskji tal-ħasil tal-flus/tal-finanzjament tat-terroriżmu u li japplikaw riżorsi biex itaffu dawk ir-riskji. Jeħtieġ li l-pajjiżi jiżguraw li jiġu identifikati u jitnaqqsu riskji ogħla, iżda jistgħu jippermettu miżuri simplifikati għal ċerti rekwiżiti meta jkun ġie identifikat riskju aktar baxx. L-FATF tirrikonoxxi li għandhom jitqiesu l-valutazzjonijiet tar-riskji tal-AML/CFT f'livell sovranazzjonali. L-FATF tirrikonoxxi wkoll li s-superviżuri għandhom japplikaw approċċ ibbażat fuq ir-riskji għas-superviżjoni, abbażi tal-għarfien tagħhom tar-riskji tal-ħasil tal-flus/tal-finanzjament tat-terroriżmu preżenti fil-pajjiż u fi ħdan l-entitajiet li jimmonitorjaw. L-FATF tesiġi li l-entitajiet obbligati jivvalutaw ir-riskji għall-klijenti, għall-pajjiżi/għaż-żoni ġeografiċi u għall-prodotti/għas-servizzi/għat-tranżazzjonijiet/għall-mezzi ta' forniment.

Jista' jiġi kkunsidrat li l-elementi li ġejjin tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskji jiġu inkorporati fir-reviżjoni li ġejja tad-Direttiva:

- **Valutazzjonijiet tar-riskji nazzjonali/sovranazzjonali:** l-introduzzjoni ta' obbligi għall-Istati Membri biex iwettqu u jaġġornaw il-valutazzjonijiet tar-riskji, skont ir-rakkomandazzjonijiet il-ġodda tal-FATF. Jista' jiġi kkunsidrat approċċ komuni bejn

l-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw koordinazzjoni aħjar u aktar konsistenza, kif ukoll l-iżvilupp ta' approċċ sovranazzjonali għall-valutazzjonijiet tar-riskji, fejn xieraq.

- **RBA għas-superviżjoni:** l-użu ta' RBA għas-superviżjoni jista' jingħata rikonoxximent aktar dettaljat fil-qafas tal-UE, inkluża l-ħtieġa li s-superviżuri jkunu konxji tar-riskji li jkollhom jiffaċċjaw l-entitajiet li jissorveljaw. Dan jista' jinkludi l-għoti ta' gwida settorjali. Pereżempju, l-AMLC[5] jista' jiġi kkummissjonat biex jipprovdi gwida dwar kwistjonijiet li jaffettwaw is-superviżjoni fis-settur finanzjarju.

- **RBA applikat mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji u minn Negozji u Professjonijiet Mhux Finanzjarji Deżinjati (Designated Non Financial Businesses and Professions - DNFBPs)**: l-introduzzjoni b'mod espliċitu ta' rekwiżit li l-proċeduri bbażati fuq ir-riskji mfassla mill-entitajiet obbligati jkunu adegwati għad-daqs u għan-natura tal-entità, u għandhom jiġu ddokumentati, aġġornati u jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

## 2.2. Il-kriminalizzazzjoni tal-Ħasil tal-Flus jew tal-Finanzjament tat-Terroriżmu

L-approċċ attwali lejn il-kriminalizzazzjoni fil-livell tal-UE huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Qafas 2001/500 tas-26 ta' Ġunju 2001[6], li qabel kienet l-istrument legali tat-tielet pilastru. Il-Konvenzjoni tal-1990 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil, it-Tfittxija, il-Qbid u l-Konfiska tad-Dħul mill-Kriminalità u dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu (li ġiet aġġornata fl-2005)[7] tispeċifika wkoll ir-reati tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

L-Artikolu 1.1 tat-Tielet AMLD jesiġi li l-Istati Membri jiżguraw li l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jkunu pprojbiti. Il-kriminalizzazzjoni ta' dawn ir-reati, rekwiżit prinċipali tal-istandards tal-FATF, fil-biċċa l-kbira tagħha tħalliet f'idejn l-Istati Membri sabiex jintroduċuha permezz tas-sistemi legali tagħhom.

Tista' tiġi mbassra kriminalizzazzjoni fil-livell tal-UE. Madankollu, reviżjoni tat-Tielet AMLD, ibbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat, ma tipprovdix bażi legali xierqa għal tali kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus/tal-finanzjament tat-terroriżmu. Għalhekk, tista' tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' obbligu għall-Istati Membri biex jikkriminalizzaw il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fi strument speċifiku bbażat fuq l-Artikolu 83(1) tat-TFUE, li kien ġie introdott mit-Trattat ta' Lisbona.

## 2.3. Kamp ta' Applikazzjoni

### *2.3.1. Reati serji*

Ir-reat tal-ħasil tal-flus (Artikolu 1(2)) jitwettaq meta jsir il-ħasil tad-dħul ta' "attività kriminali". L-Artikolu 3(5) jistabbilixxi firxa ta' "reati serji" li huma meqjusa bħala attivitajiet kriminali. Minbarra r-reati elenkati, id-Direttiva tieħu approċċ ġenerali fir-rigward tar-reati l-oħrajn kollha li huma ppenalizzati bi priġunerija abbażi ta' limitu massimu/minimu[8].

---

5 Il-Kumitat Konġunt tas-Sotto Kumitat dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (Il-Kumitat tal-AML, l-AMLC) jassisti lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej f'kapaċità superviżorja, bil-għan li jiżgura implimentazzjoni konsistenti tal-liġi tal-UE.

6 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2005:068:0049:0051:en:PDF

7 http://conventions.coe.int/Treaty/EN/Treaties/html/198.htm

8 L-Artikolu 3(5)(f)

L-istandards il-ġodda tal-FATF inkludew ir-"reati fiskali (relatati ma' taxxi diretti u taxxi indiretti)" bħala reat predikat, iżda l-FATF ma tipprovdix aktar gwida dwar kif dan għandu japplika.

Għalhekk, jista' jiġi kkunsidrat:

- Jekk l-approċċ eżistenti tar-"reati serji kollha" għadux biżżejjed sabiex ikopri r-reati fiskali;
- Jekk ir-reati fiskali għandhomx jiġu inklużi bħala kategorija speċifika ta' "reati serji" skont l-Artikolu 3(5); u/jew
- Jekk hemmx bżonn ta' definizzjoni ulterjuri ta' reati fiskali.

*2.3.2. It-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni 'lil hinn mill-entitajiet obbligati eżistenti*

(a) ***Is-settur tal-logħob tal-azzard:*** It-Tielet AMLD tinkludi l-"każinojiet" fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, iżda mingħajr ma tipprovdi xi definizzjoni. Id-Direttiva tkopri wkoll attivitajiet "li jitwettqu fuq l-Internet" (il-premessa 14), biex b'hekk tkopri wkoll il-każinojiet onlajn. Il-konsultazzjonijiet li saru indikaw li hemm appoġġ ġenerali favur definizzjoni usa' tal-logħob tal-azzard fid-Direttiva, iżda li l-kamp ta' applikazzjoni preċiż għandu jiġi stabbilit abbażi tar-riskji fil-livell nazzjonali. Jista' jiġi kkunsidrat li jinqabdu dawk l-attivitajiet tal-logħob tal-azzard li jikkawżaw riskji ogħla ta' AML/CFT, filwaqt li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż eċċessiv fuq attivitajiet b'riskju aktar baxx.

Is-servizzi tal-Kummissjoni beħsiebhom jadottaw pjan ta' azzjoni dwar l-azzard onlajn fl-2012, u għalhekk se jkun xieraq li jiġi żgurat approċċ konsistenti bejn kwalunkwe inizjattiva proposta biex tindirizza l-ħasil tal-flus f'dan is-settur u r-reviżjonijiet għat-Tielet AMLD.

(b) ***Tipi oħrajn ta' aġent finanzjarju:*** Matul il-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, xi parteċipanti ssuġġerew li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġi estiż għall-aġenti kollha li joperaw f'isem l-Istituzzjonijiet Finanzjarji. Xi wħud issuġġerew li jista' jkun hemm riskji għall-AML marbuta mal-attivitajiet tal-aġenti finanzjarji. Jista' jiġi kkunsidrat li ssir riflessjoni dwar ir-rwol tal-aġenti għalihom jew fi ħdan l-obbligi applikati għall-istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari meta huma jipprovdu servizzi finanzjarji transkonfinali (din il-kwistjoni tkompli tiġi indirizzata taħt it-Taqsima 2.10 – superviżjoni).

(c) ***Banek ċentrali nazzjonali:*** Matul il-konsultazzjonijiet, ġie ssuġġerit li għandu jiġi kkunsidrat li d-Direttiva tiġi applikata b'mod espliċitu għall-Banek Ċentrali billi tiġi estiża b'tali mod li tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-operat tagħhom, is-superviżjoni u n-neċessità tal-ħarsien tal-indipendenza tagħhom.

(d) ***Aġenti immobbiljari/tal-kiri:*** L-Artikolu 2(1)(3)(d) jinkludi aġenti immobbiljari fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, iżda ma jiddefinixxix l-attivitajiet tagħhom. Fir-rigward tal-attivitajiet tal-aġenti tal-kiri, hemm evidenza li tissuġġerixxi li dan is-settur huwa wkoll vulnerabbli għall-ħasil tal-flus. L-istandards riveduti tal-FATF ma jgħidu xejn dwar din il-kwistjoni. Matul il-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, sar

suġġeriment sabiex jiġi kkunsidrat jekk id-Direttiva għandhiex tapplika b'mod espliċitu għall-aġenti tal-kiri.

(e) ***Negozjanti ta' ħaġar u metalli prezzjużi:*** Il-klawżola ġenerali fl-Artikolu 2(1)(3)(e) li tkopri "persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra li jinnegozjaw f'merċi, biss safejn il-ħlasijiet isiru fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 15 000 jew iżjed" tkopri negozjanti ta' ħaġar u metalli prezzjużi. Hemm referenza speċifika wkoll għalihom fil-Premessa 18. Il-Kummissjoni saret taf bi tħassib minn xi partijiet interessati fis-settur privat li persuni kriminali qegħdin japprofittaw ruħhom min-nuqqas ta' Diliġenza Dovuta mal-Klijent (Customer Due Diligence - CDD) f'xi Stati Membri sabiex jagħmlu ħasil tad-dħul mill-kriminalità f'dan is-settur.

Jista' jiġi kkunsidrat jekk hemmx bżonn ta' miżuri li jindirizzaw ir-riskji speċifiċi ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu f'dan is-settur.

(f) ***Eżenzjonijiet:*** L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinvolvu ruħhom f'attività finanzjarja fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna u fejn ikun hemm riskju żgħir ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu jistgħu jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. L-istandards riveduti tal-FATF jistipulaw li t-trasferimenti ta' flus jew valur ma jistgħux jibbenifikaw minn eżenzjoni bħal din.

Jista' jiġi kkunsidrat li d-Direttiva tiġi emendata sabiex tqis din ir-reviżjoni.

## 2.4. Diliġenza dovuta mal-klijent

It-Tielet AMLD tistabbilixxi r-rekwiżiti għad-diliġenza dovuta mal-klijent ("CDD") fuq tliet livelli: CDD regolari, CDD imsaħħa ("EDD") u CDD simplifikata ("SDD"). Is-CDD regolari timponi dover fuq l-entità obbligata biex tidentifika u tivverifika l-klijenti tagħha u s-sidien benefiċjarji tal-klijenti, biex tifhem in-natura tar-relazzjoni kummerċjali, kif ukoll biex tagħmel monitoraġġ kontinwu. Fil-każ tal-EDD, l-entità obbligata għandha tieħu għadd ta' passi ulterjuri preskritti, għalkemm fuq bażi ta' perċezzjoni tar-riskju. L-SDD tippermetti lill-entitajiet obbligati jieħdu miżuri b'CDD imnaqqsa għal ċerti tipi ta' klijent jew negozju.

***CDD regolari:*** l-istudju Deloitte kkonkluda li d-diverġenzi ewlenin fl-applikazzjoni tad-Direttiva jikkonċernaw il-limitu stabbilit li jesiġi miżuri ta' CDD għal tranżazzjonijiet okkażjonali. Il-parteċipanti fil-proċess ta' reviżjoni tal-Kummissjoni talbu għadd ta' kjarifiki għar-regoli eżistenti. Jista' jiġi kkunsidrat:

- Li jitnaqqas il-limitu ta' EUR 15 000 fl-Artikolu 7(b) fir-rigward ta' tranżazzjonijiet okkażjonali;
- Li jitnaqqas il-limitu ta' EUR 1 000 għal trasferimenti ta' fondi elettroniċi fir-Regolament 1781/2006;
- Li jiġi armonizzat l-approċċ għall-identifikazzjoni u/jew il-ġbir ta' lista ta' dokumenti tal-identità rikonoxxuti fl-UE kollha maħruġa mill-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni/il-verifika tal-klijenti;
- Li jiġu ċċarati l-obbligi fuq iż-żewġ partijiet għal dipendenza fuq parti terza.

***CDD imsaħħa:*** għadd ta’ partijiet interessati ssuġġerew li jista’ jiġi applikat approċċ aktar flessibbli fir-rigward ta’ meta u liema miżuri ta’ EDD għandhom jiġu applikati skont ir-riskji li qegħdin jiġu indirizzati. Pereżempju, xi Stati Membri talbu sabiex l-approċċ jiġi kkunsidrat mill-ġdid billi s-sitwazzjonijiet li mhumiex wiċċ imb’wiċċ awtomatikament jiġu kklassifikati bħala riskju għoli, u sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva tqis b'mod xieraq l-metodi tal-ħlas ġodda/tat-teknoloġiji ġodda. Jista’ jiġi kkunsidrat approċċ li jinkorpora r-reviżjonijiet tal-FATF, li jħares lejn it-tipi ta’ fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati (pereżempju, ir-riskju tal-klijenti, ir-riskju ġeografiku u l-fatturi ta’ riskju tal-prodott, tas-servizz jew tal-mezz tal-forniment), filwaqt li jirrikonoxxi li r-riskju huwa varjabbli u li l-fatturi ma għandhomx jiġu kkunsidrati weħidhom.

***Diliġenza Dovuta Simplifikata:*** il-qafas tal-UE jistabbilixxi li ċerti tipi ta’ klijenti jew prodotti li jippreżentaw riskju aktar baxx ta’ ħasil ta’ flus jistgħu jkunu soġġetti għal eżenzjoni mir-rekwiżiti tas-CDD normali, għalkemm l-entitajiet obbligati għadhom mitluba li jagħmlu monitoraġġ kontinwu sabiex jiskopru tranżazzjonijiet mhux tas-soltu. Dan l-approċċ ġie kkritikat f’xi rapporti ta’ Evalwazzjoni Reċiproka tal-FATF bħala li, allegatament, jikkostitwixxi eżenzjoni assoluta aktar milli sistema simplifikata. Studju mwettaq mill-AMLC dwar l-SDD sab xi differenzi fir-rigward tal-mod kif inhu applikat fl-Istati Membri differenti. Filwaqt li xi Stati Membri jagħtu lill-istituzzjonijiet tagħhom eżenzjoni sħiħa mis-CDD, oħrajn jitolbuhom juru livell minimu ta’ miżuri tas-CDD.

Skont l-istandards tal-FATF, il-pajjiżi jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet finanzjarji li japplikaw miżuri SDD "fejn ir-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu huma aktar baxxi u sakemm tkun saret analiżi xierqa tar-riskju mill-pajjiż jew l-istituzzjoni finanzjarja." L-istandards stipulaw fatturi u eżempji ta' sitwazzjonijiet ta' riskju aktar baxx.

Jista’ jiġi kkunsidrat:

- Li jiġi ċċarat li l-SDD mhijiex eżenzjoni sħiħa mis-CDD;
- Jekk id-Direttiva għandhiex tistabbilixxi l-fatturi ta’ riskju li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta jiġi stabbilit jekk l-SDD hijiex xierqa, jew jekk għandhiex tipprovdi eżempji speċifiċi ta’ meta tista’ tapplika l-SDD;
- Jekk għandhiex tiġi elaborata gwida ulterjuri dwar il-fatturi ta’ riskju (pereżempju, mill-AMLC fil-każ tas-settur finanzjarju);
- Jekk għandux jiġi speċifikat (fid-Direttiva jew permezz ta’ gwida) sett minimu ta’ miżuri li għandhom jittieħdu mill-entitajiet obbligati f’sitwazzjonijiet ta’ SDD;
- Li jiġi introdott, skont l-istandards ġodda tal-FATF, approċċ ibbażat fuq ir-riskji fir-rigward ta’ jekk għandhiex tiġi applikata SDD jew le meta tinbeda relazzjoni kummerċjali ma istituzzjonijiet finanzjarja oħra liċenzjata fl-UE jew ittrattata bħala pajjiż terz ekwivalenti.

### 2.5. Persuni Esposti Politikament (Politically Exposed Persons - PEPs)

It-Tielet AMLD tiddefinixxi “persuni esposti politikament” bħala persuni fiżiċi li huma jew li kienu fdati b’funzjonijiet pubbliċi prominenti u membri tal-familja immedjati jew persuni magħrufa bħala assoċjati stretti ta’ dawn il-persuni. L-entitajiet obbligati huma mitluba

japplikaw miżuri ta' CDD imtejba fir-rigward tal-PEPs li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz.

L-istandards tal-FATF introduċew rekwiżiti bbażati fuq ir-riskji għall-PEPs domestiċi, sabiex l-istandards il-ġodda japplikaw livelli differenti ta' obbligu fir-rigward tal-PEPs domestiċi u barranin, kemm bħala klijenti kif ukoll bħala sidien benefiċjarji tal-klijenti. Skont l-FATF, il-PEPs huma persuni li kienu fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti minn pajjiżi barranin jew domestikament jew inkella minn organizzazzjoni internazzjonali. Ir-rekwiżiti għall-PEPs barranin ma jinvolvu ebda rekwiżit ta' residenza. L-FATF introduċiet rekwiżiti speċifiċi sabiex taċċerta jekk il-benefiċjarju ta' polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja huwiex PEP.

Uħud mill-partijiet interessati li wieġbu għall-istħarriġ Deloitte kienu tal-fehma li d-definizzjoni ta' PEP hija wiesgħa wisq. Ġew irrapportati diffikultajiet relatati, b'mod partikolari, mad-definizzjoni wiesgħa ta' membri tal-familja jew assoċjati stretti. Hemm ukoll kwistjonijiet relatati mad-disponibbiltà, l-ispiża u l-eżattezza tal-informazzjoni disponibbli mill-bażi tad-dejta, kif ukoll inċertezzi rigward l-ammont ta' żmien li persuna tkun ilha f'funzjoni pubblika qabel issir PEP, u jekk id-dispożizzjoni tad-Direttiva li persuna ma tibqax PEP sena wara li tħalli l-uffiċċju tindirizzax b'mod adegwat ir-riskju li potenzjalment jistgħu jikkawżaw. Barra minn hekk, teżisti ċerta inċertezza fir-rigward ta' jekk ir-referenza fil-premessa għad-Direttiva li approvazzjoni tal-maniġment superjuri tinkludi "approvazzjoni mil-livell ġerarkiku immedjatament fuq il-persuna li tfittex tali approvazzjoni" hijiex suffiċjenti, minħabba li din tista' tinvolvi membru tal-persunal fi grad relattivament aktar baxx.

Hemm ukoll talba rikorrenti minn partijiet interessati privati għal miżuri ta' appoġġ li jistgħu jindirizzaw id-disponibbiltà, l-affidabbiltà u l-ispiża tad-dejta disponibbli għall-istituzzjonijiet obbligati fuq l-ismijiet/il-kategoriji ta' PEPs, u l-kunsiderazzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta li joħorġu minnhom. Il-fattibilità u l-adegwatezza ta' dawn il-miżuri tkun trid tiġi vvalutata bir-reqqa.

Jista' jiġi kkunsidrat li jiġu ċċarati t-Tielet AMLD u d-Direttiva ta' implimentazzjoni[9] sabiex qisu t-tibidliet tal-FATF, pereżempju, billi:

- Jiġu inkorporati d-dispożizzjonijiet ġodda tal-FATF għall-PEPs domestiċi u għall-PEPs f'organizzazzjonijiet internazzjonali;
- Jitneħħew il-kriterji tar-residenza;
- Jiġu inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-assigurazzjoni fuq il-ħajja;
- Jiġi ċċarat li approċċ ibbażat fuq ir-riskji għandu jiġi applikat għall-PEPs anki wara sena li jkunu spiċċaw mill-kariga;
- Tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' "livell għoli ta' ġestjoni".

## 2.6. Sjieda benefiċjarja

Din it-taqsima tieħu l-analiżi 'lil hinn mill-kwistjoni ta' livell limitu, u tagħmel eżaminazzjoni usa' tal-kwistjonijiet l-oħrajn relatati mas-sjieda benefiċjarja fit-Tielet AMLD.

[9] Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE

### *2.6.1. Il-livell limitu ta' 25 % ta' sjieda benefiċjarja*

L-Artikolu 43 tat-Tielet AMLD jesiġi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-perċentwali operattivi fl-Artikolu 3(6), billi "tagħti attenzjoni partikolari lill-konvenjenza u lill-konsegwenzi possibbli tat-tnaqqis tal-perċentwali fil-punti (a)(i), (b)(i) u (b)(iii) tal-Artikolu 3(6) minn 25 % sa 20 %."

L-Artikolu 3(6) tat-Tielet AMLD jiddefinixxi "sid benefiċjarju" bħala l-persuna jew persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar ikunu s-sidien tal-klijent jew jikkontrollaw lill-klijent u/jew il-persuna fiżika li f'isimha titwettaq xi tranżazzjoni jew attività. Qegħdin jiġu pprovduti aktar kjarifiki dwar ir-rekwiżiti minimi fil-każ ta' entitajiet korporattivi u fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi u arranġamenti oħrajn li jamministraw u jiddistribwixxu l-fondi. Meta ntlaħaq ftehim fuq it-Tielet AMLD, livell limitu ta' 25 % tad-dritt tas-sjieda jew tad-drittijiet tal-vot jew, fil-każ ta' fondi amministrati, il-benefiċjarju ta' 25 % jew aktar tal-proprjetà, kien meqjus bħala livell limitu suffiċjenti sabiex persuna titqies bħala "sid benefiċjarju", għall-finijiet tal-AML/tas-CFT.

L-istudju Deloitte kkonkluda, abbażi tal-istħarriġ li għamel mal-partijiet interessati u mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, li kien hemm għadd sinifikanti ta' partijiet interessati li mhumiex favur li jitbaxxa l-livell limitu. Inħass li t-tnaqqis tal-livell limitu ma jġibx miegħu vantaġġi sinifikanti iżda minflok iżid l-ispiża tal-konformità u l-piż amministrattiv. Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda evidenza oħra tal-ħtieġa li timmodifika l-livell limitu.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra bir-reqqa jekk huwiex xieraq li żżomm il-livelli limiti ta' 25 %.

### *2.6.2. Sjieda benefiċjarja – kwistjonijiet ta' implimentazzjoni*

L-AMLC[10] sab li l-mod li bih l-Istati Membri jistabbilixxu kif għandu jiġi kkalkolat il-livell limitu jvarja. Ċerti Stati Membri jqisu li s-sid benefiċjarju aħħari (Ultimate Beneficial Ownership - UBO) huwa l-persuna jew persuni li għandhom is-sjieda ta'/jikkontrollaw mill-inqas 25 % tal-klijent, filwaqt li Stati Membri oħrajn jinterpretaw il-UBO bħala l-persuna jew persuni li għandhom is-sjieda ta'/jikkontrollaw mill-inqas 25 % tal-klijent, jew ta' kwalunkwe entità li għandhom is-sjieda ta' mill-inqas 25% tal-klijent.

Aspetti oħrajn tad-definizzjoni jagħtu lok għal inċertezzi jew interpretazzjonijiet differenti mill-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' xi tfisser "jeżerċitaw kontroll b'mod ieħor fuq l-entità korporattiva" fl-Artikolu 3. Dawn id-differenzi jistgħu joħolqu diffikultajiet u jżidu l-ispejjeż fil-livell tal-grupp meta jitfasslu proċeduri ta' identifikazzjoni tal-klijenti u meta jiġu vvalutati r-riskji tal-klijenti. Huma jistgħu jaffettwaw ukoll il-kundizzjonijiet ekwi għall-istituzzjonijiet finanzjarji u d-DNFBPs fl-Istati Membri. L-implimentazzjoni effettiva ġiet imfixkla wkoll mill-inċertezza fost il-partijiet interessati fis-settur privat rigward il-kunċett ta' miżuri "adegwati".

Ir-reviżjonijiet tal-istandards tal-FATF jistabbilixxu approċċ għall-identifikazzjoni u l-verifika tas-sjieda benefiċjarja, b'miżuri mmirati biex isibu persuna fiżika b'interess ta' sjieda ta' kontroll, jew (jekk ma tkunx tista' tinstab waħda jew jekk ikun hemm dubji li l-persuna b'interess ta' sjieda ta' kontroll hija s-sid benefiċjarju) il-persuna fiżika li teżerċita l-kontroll permezz ta' mezzi oħrajn. Jekk il-passi msemmija hawn fuq iwasslu biex ma tiġi identifikata ebda persuna fiżika, imbagħad għandha tiġi identifikata l-identità ta' persuna fiżika li għandha

---

10 Rapport dwar l-implimentazzjoni legali, regolatorja u superviżorja fl-Istati Membri tal-UE fir-rigward tar-rekwiżiti tad-Diliġenza Dovuta mal-Klijent fir-rigwar ta' Sid Benefiċjarju skont it-Tielet Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus tas-26 ta' Settembru 2011.

l-kariga ta' maniġer għoli. Kien hemm appoġġ estensiv fost l-Istati Membri sabiex isegwu dan l-approċċ, għalkemm hemm qbil ġenerali li l-alternattiva finali (l-identifikazzjoni ta' maniġer għoli) ma għandhiex titqies bħala mod ta' kif tiġi evitata l-ħtieġa li nifhmu min fl-aħħar mill-aħħar jikkontrolla persuna ġuridika.

### *2.6.3. Id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar s-sjieda benefiċjarja*

In-nuqqas ta' informazzjoni pubblika dwar s-sjieda benefiċjarja jitqies minn xi partijiet interessati bħala li jfixkel l-implimentazzjoni prattika tar-rekwiżiti. L-entitajiet obbligati, b'appoġġ minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għamlu talba qawwija għal inizjattivi ta' appoġġ pubbliku f'dan il-qasam. L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-Kummissjoni Ewropea enfasizzat ukoll din il-kwistjoni u ssuġġeriet, "fid-dawl ta' taħditiet mal-imsieħba internazzjonali tagħha fit-Task Force dwar l-Azzjoni Finanzjarja, li tirrevedi **l-leġiżlazzjoni tal-UE kontra l-Ħasil tal-Flus** biex issaħħaħ it-trasparenza tal-persuni legali u l-arranġamenti legali"[11].

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2011 talbet regoli li "jagħmlu l-ġlieda kontra kumpaniji fittizji u anonimi f'ġurisdizzjonijiet ta' segretezza (...) element ewlieni tar-riforma li jmiss tad-Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus".[12]

L-istandards il-ġodda tal-FATF jesiġu li l-pajjiżi jiżguraw li jkun hemm sett ta' informazzjoni bażika disponibbli fir-reġistri tan-negozju u/jew miżmuma mill-kumpanija nnifisha. Għall-arranġamenti legali, l-istandards jirrikonoxxu r-rwol tal-fiduċjarju bħala d-detentur tal-informazzjoni dwar s-sid benefiċjarju u jintroduċu rekwiżit għall-fiduċjarji sabiex jiżvelaw l-istatus tagħhom meta jinvolvu ruħhom mal-partijiet għar-rapportar.

### *2.6.4. Aktar kunsiderazzjonijiet*

Jista' jiġi kkunsidrat li jiġu introdotti għadd ta' tibdliet fid-Direttiva, pereżempju:

- Li tiġi ċċarata d-definizzjoni tas-sid benefiċjarju, fid-dawl tar-reviżjonijiet miftiehma mill-FATF u l-konklużjonijiet tal-AMLC;
- Li jiġu inklużi, fid-Direttiva AML jew fi strument legali eżistenti ieħor fil-qasam tal-liġi dwar il-kumpaniji, miżuri li jippromwovu t-trasparenza tal-persuni ġuridiċi jew tal-arranġamenti legali.

## 2.7. Obbligi tar-rappurtar

L-Artikolu 22(1) tat-Tielet AMLD jesiġi li l-persuni u l-entitajiet obbligati jinfurmaw minnufih lill-FIU jekk ikun hemm bażi raġonevoli biex jissuspettaw li hemm ħasil ta' flus jew finanzjament tat-terroriżmu. Dan għandu jsir direttament, jew "minnufih u mingħajr ċensura" permezz ta' korp awto-regolatorju jekk pajjiż partikolari jkun iddeżenja wieħed fir-rigward ta' ċerti professjonijiet mhux finanzjarji. L-Artikolu 35(3) tat-Tielet AMLD jesiġi li Istati Membri jiżguraw li, kull meta jkun prattiku, jingħataw reazzjonijiet f'waqthom fuq ir-rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi.

---

11 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura", COM (2010)673 finali.

12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled il-korruzzjoni.

Ġie espress ċertu tħassib rigward il-konsistenza tad-dejta statistika relatata mar-rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi[13]. L-Eurostat ġabar ammont konsiderevoli ta' informazzjoni relatata ma' indikaturi ewlenin mill-FIUs[14]. Barra minn hekk, fir-rigward tas-sottomissjoni tar-rapporti, Dokument ta' Ħidma riċenti tal-Persunal tal-Kummissjoni[15] ċċara lil liema FIU nazzjonali għandhom jintbagħtu f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

Tista' tingħata konsiderazzjoni lill-introduzzjoni ta' għadd ta' kjarifiki u dispożizzjonijiet ġodda fid-Direttiva:

- Il-qafas ġdid tal-UE jista' jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet eżistenti li jitolbu lill-FIUs biex jipprovdu reazzjonijiet ġeneriċi f'waqthom lill-entitajiet tar-rappurtar;
- L-introduzzjoni ta' rwol espliċitu għall-korpi awtoregolatorji fil-proċess tar-rappurtar (pereżempju, li jistabbilixxu linji gwida);
- Jiġi introdott rekwiżit espliċitu li r-rappurtar għandu jsir fl-FIU tal-pajjiż ospitanti;
- Kjarifika li f'każijiet fejn l-Istati Membri jikkonkludu li t-trażmissjoni ta' Rapporti dwar Tranżazzjonijiet Suspettużi (Suspicious Transaction Reports - STRs) tkun qiegħda tiġi ffiltrata, huma għandhom jikkunsidraw b'mod attiv li jitolbu li r-rappurtar isir direttament lill-FIU.
- Li jiġi rinfurzat ir-rekwiżit skont l-Artikolu 33 fir-rigward tad-dejta statistika sabiex tiġi żgurata statistika aktar komprensiva u komparabbli.

### 2.8. L-FIUs

L-Artikolu 38 tat-Tielet AMLD jistabbilixxi rwol għall-Kummissjoni biex tiffaċilita l-koordinazzjoni bejn l-FIUs, iżda ma jittrattax b'mod ieħor il-kooperazzjoni mal-FIU.

Il-qafas attwali għall-Kooperazzjoni tal-FIUs huwa msejjes fuq id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tmur lura għas-sena 2000[16]. Id-diskussjonijiet fil-pjattaforma tal-FIU[17] żvelaw għadd ta' nuqqasijiet bl-arranġamenti eżistenti: il-kooperazzjoni fuq il-finanzjament tat-terroriżmu mhijiex prevista fid-Deċiżjoni u l-avvenimenti internazzjonali fil-passat urew li kien hemm xi diffikultajiet għall-FIUs sabiex jikkooperaw abbażi tal-listi ta' persuni deżinjati, jew biex jieħdu azzjoni qabel jiġi sottomess xi STR. L-esperjenza prattika wriet it-tipi ta' problemi li jirriżultaw minn interpretazzjonijiet differenti dwar il-bażi legali mogħtija mid-Deċiżjoni sabiex jitwettqu tipi speċifiċi ta' kooperazzjoni, bħall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni meta jinstabu rabtiet ma' Stat Membru ieħor. Uħud mill-problemi fl-iskambju tal-informazzjoni jirriżultaw mis-setgħat differenti li għandhom l-FIUs fil-livell nazzjonali,

---

[13] L-Artikolu 33 tat-Tielet AMLD jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ta' statistika li l-Istati Membri huma obbligati li jiġbru.

[14] Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Eurostat *Money Laundering in Europe*, http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-RA-10-003/EN/KS-RA-10-003-EN.PDF

[15] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar is-superviżjoni ta' u r-rappurtar tal-ħasil tal-flus mill-istituzzjonijiet tal-ħlas f'diversi sitwazzjonijiet transkonfinali, SEC(2011) 1178 finali, 4.10.2011, http://ec.europa.eu/internal_market/company/docs/financial-crime/20111104-paper_en.pdf

[16] Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/JHA tas-17 ta' Ottubru 2000 dwar l-arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn l-unitajiet tal-intelliġenza finanzjarja tal-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni.

[17] Il-"Pjattaform tal-UE tal-Unitajiet tal-Intelliġenza Finanzjarja" twaqqfet fl-2006, mill-Kummissjoni Ewropea. Tiġbor Unitajiet ta' Intelliġenza Finanzjarja mill-Istati Membri. L-għan ewlieni ta' tagħha huwa li tiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-FIUs. .

inkluża l-possibbiltà li jkollhom aċċess għall-informazzjoni, u dan għandu konsegwenzi għall-effettività tal-kooperazzjoni.

Il-Programm ta' Stokkolma għall-perjodu 2010-2014[18] jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex "ikomplu jiżviluppaw skambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelliġenza Finanzjarja (FIUs)" sabiex jindirizzaw il-korruzzjoni u l-kriminalità ekonomika.

Jista' jiġi kkunsidrat li jitqiesu l-iżviluppi riċenti fl-FATF fir-rigward tal-FIUs, fejn uħud mit-tibdiliet rilevanti jinkludu li jiġi ċċarat li l-FIUs għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni miksuba minn kwalunkwe entità obbligata sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-AML/tas-CFT, li l-pajjiżi għandu jkollhom mekkaniżmi fis-seħħ sabiex jidentifikaw f'waqtu jekk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi għandhomx jew jikkontrollawx xi kontijiet u li talba għall-kooperazzjoni għandha twassal għall-istess setgħat bħal dawk għal STR sottomess domestikament. Fil-kuntest speċifiku tal-UE, jista' jiġi kkunsidrat ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-FIU lil hinn mill-istandards internazzjonali, li jiġu armonizzati s-setgħat disponibbli għall-FIUs fil-livell nazzjonali u li tinbeda l-ħidma li bħalissa qiegħda tiġi żviluppata f'dan ir-rigward mill-Pjattaforma bejn l-UE u l-FIUs. Jista' jiġi kkunsidrat ukoll li d-dispożizzjonijiet dwar il-Kooperazzjoni tal-FIUs jiġu integrati fid-Direttiva AML futura.

## 2.9. Konformità tal-grupp

L-Artikolu 34 tad-Direttiva jesiġi li l-persuni u l-istituzzjonijiet obbligati jistabbilixxu politiki u proċeduri "adegwati u xierqa" ta' ġestjoni tar-riskji tal-AML/CFT.

Fid-Dokument ta' Ħidma tagħhom tal-2009[19], is-servizzi tal-Kummissjoni rrappurtaw li l-istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw f'kuntest transkonfinali ġeneralment għażlu li jiżviluppaw politika ta' AML fil-livell ta' grupp, speċjalment fl-UE. L-istandards ġodda tal-FATF jintroduċu rekwiżit (li fil-biċċa l-kbira tiegħu jirrifletti l-ħidma mwettqa mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja) li l-gruppi finanzjarji jimplimentaw programmi għall-gruppi kollha kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inklużi politiki u proċeduri għall-qsim tal-informazzjoni fi ħdan il-grupp.

Tista' tingħata kunsiderazzjoni għall-ħtieġa li jiġu inkorporati rekwiżiti ġodda fid-Direttiva, billi jiqties il-fatt li d-Direttiva attwali diġà fiha għadd ta' suppożizzjonijiet sottostanti tal-konformità fil-livell ta' grupp fl-Artikoli 31(1) u 34(2). Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll kjarifiki addizzjonali sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, kif ġej:

- Il-kunċett ta' "grupp" bħalissa huwa inkorporat biss fl-Artikolu 28(3), fejn huma previsti eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-iżvelar tal-fatt li ġie sottomess STR jew li qiegħda titwettaq investigazzjoni tal-ħasil tal-flus jew tal-finanzjament tat-terroriżmu. Tista' tiġi inkorporata definizzjoni ta' "grupp" fl-Artikolu 3 sabiex tippermetti kamp ta' applikazzjoni usa';

- L-introduzzjoni ta' possibbiltà espliċita li jkunu permessi flussi ta' informazzjoni fost il-grupp dwar tranżazzjonijiet potenzjalment suspettużi qabel is-sottomissjoni ta' rapport;

---

[18] (2010/C 115/01). Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea 4.5.2010

[19] Dokumentat ta' Ħidma tal-Kummissjoni dwar "Il-Konformità mad-Direttiva AML minn istituzzjonijiet bankarji transkonfinali fuq livell ta' grupp" [traduzzjoni mhux uffiċjali] SEC(2009)939 tat-30 ta' Ġunju 2009. http://ec.europa.eu/internal_market/company/docs/financial-crime/compli_cbb_en.pdf.

- Il-possibbiltà li jkunu permessi flussi ta' informazzjoni lill-awdituri tal-Uffiċċju Prinċipali. L-awdituri indipendenti ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' "grupp", u għalhekk ma jibbenifikawx mill-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 28(3).

## 2.10. Superviżjoni

L-Artikolu 37 tat-Tielet AMLD jobbliga lill-Istati Membri biex jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jimmonitorjaw u jieħdu miżuri bil-għan li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva mill-persuni u l-istituzzjonijiet obbligati.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni[20], għalkemm jittratta s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet tal-ħlas u r-rappurtar dwarhom mil-lat ta' AML, għandu implikazzjonijiet usa' f'dak li jikkonċerna kwistjonijiet rigward l-pajjiż ta' oriġini u dak ospitanti f'oqsma oħrajn. Id-dokument tal-Kummissjoni jiċċara kif għandhom jiġu rrispettati r-regoli AML tal-istat ospitanti, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- Allokazzjoni tas-setgħat superviżorji bejn l-awtoritajiet tal-pajjiż ta' oriġini u dak ospitanti
- Is-setgħat ta' prevenzjoni u infurzar tal-awtoritajiet tal-istat Membru ospitanti;
- Il-ħila, soġġetta għall-kundizzjoni tal-proporzjonalità, tal-awtoritajiet tal-istat ospitanti li jimponu obbligu għal super aġent/punt ta' kuntatt ċentrali għall-aġenti, jew li jkun hemm uffiċjal tal-konformità fit-territorju tagħhom.

L-AMLC qed taħdem fuq il-protokoll tagħha stess li se jagħti l-applikazzjoni prattika lill-kjarifiki tal-Kummissjoni.

Jista' jiġi kkunsidrat li jiġu introdotti aktar kjarifiki fid-Direttiva l-ġdida, kif ukoll li tiġi ċċarata l-artikulazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-passaporti fid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Ħlasijiet u fid-Direttiva dwar il-Flus Elettroniku minn naħa waħda, u l-konformità mar-regoli AML tal-istat ospitanti min-naħa l-oħra. Jista' jiġi ċċarat ukoll kif is-setgħat superviżorji tal-AML japplikaw f'sitwazzjonijiet transkonfinali, pereżempju, billi jiġi stipulat li l-awtorità ospitanti għandu jkollha l-ħila li timponi sanzjonijiet, inkluż it-tmiem ta' attività fejn il-proċeduri tas-CDD ma jkunux implimentati biżżejjed, jew permezz ta' dispożizzjonijiet li jpoġġu obbligu fuq il-kooperazzjoni, il-qsim tal-informazzjoni u d-delega tar-responsabbiltajiet. Fl-aħħarnett, jista' jiġi kkunsidrat ukoll li jiġu introdotti dispożizzjonijiet fid-Direttiva l-ġdida li jindirizzaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet.

## 2.11. Korpi Awtoregolatorji

L-Artikolu 37(5) tat-Tielet AMLD jippermetti lill-korpi awtoregolatorji f'ċerti setturi (awdituri, kontabilisti esterni, konsulenti tat-taxxa, nutara u professjonisti legali oħrajn) li jimmonitorjaw u jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-AML, filwaqt li l-Artikolu 23 jippermetti d-deżinjazzjoni ta' korp awtoregolatorju xieraq sabiex jgħaddi rapporti suspettużi lill-Unità tal-Intelliġenza Finanzjarja.

L-istandards tal-FATF jirrikonoxxu r-rwol tal-korpi awtoregolatorji, sakemm tali organizzazzjoni tkun tista' tiżgura li l-membri tagħha jikkonformaw mal-obbligi tagħhom

[20] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

relatati mal-AML/CFT. L-istandards jinkludu l-possibbiltà li dawn il-korpi jkunu jistgħu jistabbilixxu wkoll linji gwida u jipprovdu reazzjonijiet fuq kif għandhom jiġu applikati miżuri nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rappurtar ta' tranżazzjonijiet suspettużi. Matul il-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni, xi Stati Membri esprimew id-dubji tagħhom dwar l-adegwatezza li l-korpi awtoregolatorji jkomplu jiġu inkarigati b'dawn il-funzjonijiet.

Jista' jiġi kkunsidrat ukoll jekk il-korpi awtoregolatorji għandhomx ikomplu jiġu inkarigati biex jiżguraw il-konformità mal-istandards AML, jew inkella jekk ir-rwol tagħhom jeħtiġx li jiġi ddefinit aktar, pereżempju billi esplicitament jiġu inkarigati biex jipprovdu gwida dwar il-konformità u r-rappurtar tal-AML, skont l-istandards tal-FATF. Matul il-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni ġie ssuġġerit ukoll li tista' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jiġu estiżi sabiex jippermettu lill-korpi professjonali fis-settur immobbiljari jerfgħu r-responsabbiltà wkoll għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-konformità mal-AML, bil-kundizzjoni li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 37(2) tat-Tielet AMLD.

## 2.12. Ekwivalenza tal-Pajjiżi Terzi

It-Tielet AMLD tippermetti li jiġu applikati miżuri inqas stretti ta' CDD fil-każ ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jinsabu f'pajjiżi tal-UE jew taż-ŻEE. Dawn il-miżuri inqas stretti huma estiżi għal istituzzjonijiet li jinsabu f'pajjiżi terzi li jimponu rekwiżiti ta' AML li huma meqjusa bħala "ekwivalenti" għal dawk stipulati fid-Direttiva. L-Artikolu 11(4) tat-Tielet AMLD jinkludi obbligu għall-Istati Membri biex jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar każijiet fejn iqisu li pajjiż terz jissodisfa l-istandards AML/CFT tal-UE. Sabiex jikkoordinaw l-approċċ tagħhom fuq l-ekwivalenza, l-Istati Membri ftiehmu fuq lista aġġornata regolarment ta' "pajjiżi terzi ekwivalenti" b'konformità ma' Fehim Komuni dwar il-Proċeduri u l-Kriterji għar-Rikonoxximent tal-Ekwivalenza tal-Pajjiżi Terzi[21].

It-Tielet AMLD ma tagħtix mandat lill-Kummissjoni Ewropea biex tistabbilixxi lista vinkolanti "pożittiva" ta' pajjiżi terzi ekwivalenti. Il-valutazzjoni tal-ekwivalenza tal-pajjiżi terzi tibqa' kompetenza tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha rwol fl-iffaċilitar ta' dan il-proċess u, f'każ li tinżamm is-sistema, hija impenjata li tiżgura proċess kredibbli u trasparenti għall-istabbiliment tal-lista ta' pajjiżi terzi. Fid-dawl tal-bidla lejn approċċ ibbażat fuq ir-riskji, xi Stati Membri staqsew jekk ikunx għadu xieraq li, fid-Direttiva ġdida, jinżamm il-kunċett tal-ekwivalenza.

Jista' jiġi kkunsidrat li jiġi aċċertat:

- jekk sistema ta' ekwivalenza hijiex meħtieġa fid-Direttiva l-ġdida, fid-dawl ta' orjentazzjoni dejjem akbar favur approċċ ibbażat fuq ir-riskji;
- jekk il-proċess li jistabbilixxi "listi" ta' ekwivalenza għadux meħtieġ, u jekk iva, jekk hemmx xi rwol li jrid jiġi assunt fil-livell tal-UE (pereżempju, approċċ preskrittiv li għandu jiġi stabbilit fid-Direttiva, li jinżamm l-approċċ intergovernattiv eżistenti, l-awtorizzazzjoni lill-AMLC b'ħidma f'dan il-qasam, eċċ.);
- jekk għadux xieraq li tinżamm dispożizzjoni fid-Direttiva (attwament l-Artikolu 40(4)) dwar "lista sewda", meta wieħed iqis li din qatt ma ntużat;

21 http://ec.europa.eu/internal_market/company/docs/financial-crime/3rd-country-common-understanding_en.pdf

- jekk approċċ ikkoordinat fil-livell tal-UE jistax ikun meħtieġ sabiex jiġu kkoordinati miżuri b'reazzjoni għall-proċess ta' elenkar tal-FATF.

### 2.13. Sanzjonijiet Amministrattivi għal Nuqqas ta' Konformità mad-Direttiva

L-Artikolu 39(2) tat-Tielet AMLD jobbliga lill-Istati Membri biex jimponu miżuri jew sanzjonijiet amministrattivi xierqa kontra l-istituzzjonijiet finanzjarji għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirriżultaw mid-Direttiva. Il-miżuri u s-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istudju Deloitte jikkonkludi li l-Istati Membri kollha implimentaw sistema ta' sanzjonar nazzjonali applikabbli f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, u li dawn is-sanzjonijiet huma applikati fil-prattika. Madankollu, l-istudju jirrimarka wkoll li "l-varjetà fis-sistema tal-pieni nazzjonali hija tant kbira li mhuwiex possibbli li jitqabblu l-pieni fl-Istati Membri kollha".

Jista' jiġi kkunsidrat li jiġi segwit approċċ simili għal dak stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Tisħiħ tar-reġimi [sistemi] tas-sanzjonar fis-settur finanzjarju"[22], li jinvolvi armonizzazzjoni akbar tas-sistema tas-sanzjonar billi jipproponi sett ta' regoli komuni minimi li għandhom jiġu applikati għal aspetti ewlenin tas-sistema tas-sanzjonar.

### 2.14. Il-Protezzjoni ta' Dejta Personali

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati privati jemmnu li jeħtieġ li tiġi żgurata interazzjoni aħjar bejn l-AML u l-obbligi tal-protezzjoni tad-dejta personali. Studju[23] li sar fl-2008 mill-Pjattaforma tal-FIU fittex li jidentifika l-punti ta' konverġenza possibbli, kif ukoll l-oqsma fejn jista' jkun meħtieġ li jiġu rikonċiljati d-diffikultajiet bejn il-leġiżlazzjonijiet rispettivi. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2009[24] ikkonkluda li l-interazzjoni tar-regoli AML mar-regoli nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta kienet tidher li hija fattur ewlieni li jħalli impatt fuq il-politiki AML tal-banek fil-livell tal-grupp u li jfixkel it-trasferiment effettiv ta' informazzjoni fost il-grupp.

F'Ġunju 2011, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta ħareġ l-"Opinjoni 14/2011" tiegħu[25]. L-Opinjoni tindirizza l-interazzjoni bejn l-AML u d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali f'livell ferm usa' mis-sempliċi trasferiment tal-informazzjoni, u titlob għal kunsiderazzjoni aktar dettaljata tal-kwistjonijiet tad-dejta personali fil-leġiżlazzjoni AML/CFT sabiex tiġi pprovduta l-konformità effettiva tal-protezzjoni tad-dejta. B'mod partikolari, l-Opinjoni titlob għal skemi "push" ta' skambju ta' dejta, valutazzjonijiet tal-privatezza tal-mudell tal-ġestjoni tar-riskji globali u l-introduzzjoni ta' uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta minn korpi jew entitajiet differenti involuti fl-AML/CFT u li jiffavorixxu ġestjoni tar-riskji segmentali fil-livell lokali. Hija titlob ukoll li jiġu stabbiliti perjodi ċari u preċiżi għaż-żamma tad-dejta fil-leġiżlazzjoni AML/CFT. Uħud mill-elementi

---

[22] Tisħiħ tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji, COM (2010) 716 finali, 8 ta' Diċembru 2010, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0716:FIN:mt:PDF

[23] Rapport dwar il-Kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-dejta fl-attività tal-FIUs, http://ec.europa.eu/internal_market/company/financial-crime/index_en.htm#fiu-report-money

[24] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 20.

[25] Opinjoni 14/2011 dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta relatati mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, 01008/2011/EN, WP 186, it-13 ta' Ġunju 2011,http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/docs/wpdocs/2011/wp186_en.pdf

tal-opinjoni huma riflessi fil-proposti li ġew ippubblikati dan l-aħħar sabiex tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Dejta[26].

Fid-Direttiva riveduta jista' jiġi kkunsidrat li jiġu introdotti regoli ċari u bilanċjati li jistabbilixxu kif għandha tiġi ttrattata d-dejta personali sabiex ikun hemm konformità effettiva mal-AML/CFT filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali. Skont l-iżviluppi msemmija qabel fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta, jistgħu jkunu meħtieġa dispożizzjonijiet aktar dettaljati sabiex iqisu, fost affarijiet oħra, il-prinċipji għall-ipproċessar ta' dejta personali, sabiex tingħata bażi legali kemm għal dan l-ipproċessar kif ukoll għar-restrizzjoni proporzjonata tad-drittijiet tas-suġġett tad-dejta meta jkunu meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva AML/CFT, bil-kundizzjoni li jkun hemm salvagwardji adegwati u li hemm konsistenza mal-acquis tal-protezzjoni tad-dejta. Barra minn hekk, jista' jiġi kkunsidrat li titrawwem aktar interazzjoni bejn ir-regolaturi tal-AML u l-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-dejta bil-għan li tintlaħaq applikazzjoni bilanċjata tar-regoli.

## 3. Valutazzjoni mill-Kummissjoni tat-trattament tad-Direttiva ta' avukati u professjonisti legali indipendenti oħrajn

L-Artikolu 42 tat-Tielet AMLD jesiġi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jkun jinkludi eżaminazzjoni speċifika tat-trattament tal-avukati u ta' professjonisti legali indipendenti oħrajn.

Skont din id-Direttiva, in-nutara u professjonisti legal independenti oħrajn huma koperti sew mill-kamp ta' applikazzjoni, soġġetti għal eżenzjoni li l-Istati Membri jistgħu japplikaw fuq l-obbligu li jiġu rrappurtati tranżazzjonijiet suspettużi bis-saħħa tal-Artikolu 23(2), fir-rigward ta' "fir-rigward ta' informazzjoni li huma jirċievu minn xi wieħed mill-klijenti tagħhom jew li jiksbu dwaru, matul l-aċċertament tal-pożizzjoni legali tal-klijent tagħhom jew matul il-qadi ta' dmirijiethom permezz tad-difiża jew rappreżentanza ta' dak il-klijent fi proċedimenti ġudizzjarji, jew in konnessjoni magħhom." Minbarra dan, l-Artikolu 23(1) jippermetti d-deżinjazzjoni ta' "korp awtoregolatorju adatt tal-professjoni" biex jirċievi, fl-ewwel istanza, STRs minflok jibgħathom direttament lill-FIU. F'każ bħal dan, il-korp awto-egolatorju għandu r-responsabbiltà li jibgħat l-informazzjoni lill-FIU "minnufih u mingħajr ċensura".

### 3.1. Segretezza professjonali

Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, l-Istati Membri kollha għażlu li jinkludu l-eżenzjoni tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fir-rigward ta' avukati, iżda mingħajr deskrizzjoni preċisa ta' meta r-rappurtar jegħleb il-kunfidenzjalità tal-klijent. Din is-sitwazzjoni toħloq xi ftit tal-ansjetà mill-professjonijiet legali, li regolarment jesprimu tħassib li l-obbligi imposti mid-Direttiva allegatament jiksru l-obbligu tal-avukat tas-segretezza professjonali u d-dritt fundamentali għal proċess ġust u difiża ġusta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tat is-sentenza tagħha dwar din il-kwistjoni[27]. Għalkemm is-sentenza kienet tikkonċerna d-Direttiva 91/308/KEE, il-konstatazzjonijiet ewlenin tal-Qorti

---

26 Ara l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta [COM(2012) 11 finali] u [COM(2012) 10 finali]. http://ec.europa.eu/justice/newsroom/data-protection/news/120125_en.htm.

27 ECJ C305/05, Ordre des barreaux francophones et germanophone et al. V Conseil des Ministres, Para 33, Sentenza tal-Qorti, 26 ta' Ġunju 2007.

jibqgħu validi għat-Tielet AMLD. Abbażi ta' din is-sentenza, jista' jkun ikkunsidrat li l-obbligi ta' AML imposti fuq professjonisti legali ma jiksrux id-dritt għal proċess ġust kif iggarantit bl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikolu 6 tal-QEDB.

Fil-fatt, l-obbligi fid-Direttiva japplikaw għall-professjonisti legali biss meta dawn jassistu lill-klijent tagħhom fit-tħejjija jew fl-eżekuzzjoni ta' ċerti tranżazzjonijiet, essenzjalment dawk ta' natura finanzjarja jew dawk li jirrigwardjaw il-beni immobbli (l-Artikolu 2(1)(3)(b)), jew meta jaġixxu f'isem u għan-nom tal-klijent tagħhom f'kull tranżazzjoni finanzjarja jew immobbiljari. Bħala regola ġenerali, dawn l-attivitajiet, minħabba n-natura tagħhom stess, jinsabu f'kuntest li ma għandu l-ebda rabta ma' proċeduri ġudizzjarji u, għaldaqstant, jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

Min-naħa l-oħra, minn meta tintalab l-assistenza tal-professjonist legali li qiegħed jaġixxi fil-kuntest ta' tranżazzjoni immobbiljari sabiex jiddefendi lill-klijent jew sabiex jirrappreżentah fil-qrati, jew biex jagħti pariri fuq il-mod kif għandha tinfetaħ jew tiġi evitata proċedura ġudizzjarja, il-professjonist legali huwa eżentat, permezz tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 9(5) u tal-Artikolu 23(2) tad-Direttiva, mir-rekwiżiti msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9(5) u mill-obbligi tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni skont l-Artikolu 23(1) tat-Tielet AMLD. Din tħares id-dritt tal-klijent għal proċess xieraq.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-tielet AMLD, id-dritt għal proċess ġust għandhom ikunu protetti fis-sitwazzjonijiet applikabbli kollha permezz ta' regoli nazzjonali ċari u dettaljati biżżejjed biex jippermettu professjonisti legali li jiddistingwu bejn sitwazzjonijiet fejn l-obbligu tar-rappurtar japplika u dawk meta japplikax.

Meta tħejji ir-reviżjoni tagħha tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha, soġġetta għall-konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, tqis din il-kwistjoni fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, u partikolarment l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, f'konformità mal-politika eżistenti[28].

## 3.2. Rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi (Suspicious transaction reports - "STRs")

L-istudju Deloitte sab li l-livelli ta' rappurtar ta' tranżazzjonijiet suspettużi minn xi professjonijiet mhux finanzjarji (b'mod partikolari avukati) huma baxxi meta mqabbla ma' dawk tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-kwistjoni tan-nuqqas ta' rappurtar f'xi ġurisdizzjonijiet tibqa' waħda ta' tħassib u, għaldaqstant, jistgħu jiġu kkunsidrati metodi li jtejbu dawn il-livelli, kif stabbilit fit-Taqsima 2.7 hawn fuq.

## 3.3. Definizzjoni ta' tranżazzjoni

L-Artikolu 2 (1)(3)(b) jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva li tapplika għal "nutara u professjonisti legali indipendenti oħra, meta dawn jieħdu sehem, kemm jekk jaġixxu f'isem jew għan-nom tal-klijent tagħhom fi kwalunkwe tranżazzjoni finanzjarja jew immobbiljarja, kif ukoll jekk jgħinu fl-ippjanar jew fl-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet għall-klijent tagħhom" dwar għadd ta' attivitajiet elenkati (ix-xiri u l-bejgħ ta' beni immobbli, il-ġestjoni tal-flus tal-klijent, eċċ.). Ir-rappreżentanti tal-avukati staqsew liema "tranżazzjonijiet" huma koperti, u tista' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' kjarifika oħra f'dan ir-rigward.

---

28 'Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea' COM (2010) 573.

## 3.4. Miżuri ta' CDD

Ir-rappreżentanti tal-avukati talbu għall-possibbiltà li r-rekwiżiti tas-CDD ikunu jistgħu jiġu ssodisfati fi żmien raġonevoli u mhux dejjem fil-bidu tar-relazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 7. L-istandards tal-FATF[29] jesiġu li l-identifikazzjoni u l-verifika jitwettqu fil-bidu ta' relazzjoni kummerċjali, għalkemm il-pajjiżi jistgħu jippermettu li l-verifika ssir kemm jista' jkun prattikabbli wara jekk ir-riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu jiġu ġestiti b'mod effettiv u jekk ikun essenzjali li ma jiġux interrotti l-prassi normali ta' negozju. Dispożizzjoni simili teżisti diġà fl-Artikolu 9 tat-Tielet AMLD, u din hija kwistjoni għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri.

Kien hemm suġġerimenti wkoll li jitneħħa r-rekwiżit li tiġi pprovduta informazzjoni "fuq talba" dwar l-identità tas-sidien benefiċjarji fil-każ ta' kontijiet kollettivi miżmuma min-nutara u minn professjonisti legali indipendenti oħrajn (l-Artikolu 11(2)(b)). Madankollu, l-istandards ġodda tal-FATF neħħew ir-referenza għall-kontijiet kollettivi bħala eżempji ta' xenarji b'riskju baxx. Se jiġi kkunsidrat kif it-trattament tal-kontijiet kollettivi għandu jkun rifless fid-Direttiva l-ġdida tal-UE.

* * *

Is-sejbiet ta' hawn fuq jidhru li jissuġġerixxu li jista' ma jkunx neċessarju li ssir reviżjoni fundamentali tat-trattament tal-avukati fid-Direttiva l-ġdida. Madankollu, jista' jkun xieraq li tingħata kunsiderazzjoni ulterjuri lin-nuqqas ta' rappurtar tal-STRs.

# 4. Konklużjoni

Dan ir-rapport jistipula d-diversi kwistjonijiet imqajma mir-reviżjoni tat-Tielet AMLD mill-Kummissjoni, ir-reviżjonijiet għar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF u l-klawżoli tad-Direttiva li jesiġu li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fuq livell ġenerali, il-qafas eżistenti jidher li jaħdem tajjeb, u ma ġie identifikat ebda nuqqas fundamentali li jeħtieġ tibdliet sostanzjali fit-Tielet AMLD. Id-Direttiva jkollha tiġi riveduta sabiex tiġi aġġornata skont ir-Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF. F'dan il-kuntest, kwistjoni li teħtieġ li tiġi kkunsidrata hija l-livell ta' armonizzazzjoni tal-qafas futur tal-UE. Sfida importanti għall-futur se tkun li l-isforzi jiġu ffukati fuq it-titjib tal-effettività tar-regoli. Dan huwa qasam ta' ħidma li qiegħed jiġi żviluppat bħalissa mill-FATF.

Il-Kummissjoni tistieden kummenti dwar il-kwistjonijiet imqajma u l-impatt probabbli, inklużi l-impatti fuq id-drittijiet fundamentali kif garantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta l-UE[30], ta' kwalunkwe tibdil possibbli għat-Tielet AMLD sat-**13 ta' Ġunju 2012**. Il-partijiet interessati huma mistiedna jibagħtu l-kummenti tagħhom f'dan l-indirizz elettroniku: MARKT-AML@ec.europa.eu

Il-kummenti se jinfurmaw il-proposti leġiżlattivi li se jiġu ppreżentati aktar tard din is-sena għar-reviżjoni tad-Direttiva. Ir-reazzjonijiet li jaslu se jkunu disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni sakemm ma jkunx hemm talba speċifika għall-kunfidenzjalità, u l-Kummissjoni se tippubblika sommarju tar-riżultati tal-konsultazzjoni.

---

29 Rakkomandazzjoni 11 (ex 10)

30 "Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea", (COM 2010,573 finali) .

*    *    *

**Anness: Trasferimenti Elettroniċi Transkonfinali**

Għalkemm ir-regolament tal-AML dwar it-trasferimenti elettroniċi transkonfinali mhuwiex kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Tielet Direttiva tal-AML, huwa jifforma element importanti mill-istandards tal-FATF. L-UE implimentat bis-sħiħ l-istandards eżistenti tal-FATF permezz ta' Regolament separat[31] u, sabiex twieġeb għall-obbligi tagħha skont il-klawżola ta' reviżjoni fl-Artikolu 19 tar-Regolament, bħalissa qiegħed jitħejja studju dwar l-applikazzjoni tar-regolament. Ir-riżultati ta' dan l-istudju se jitqiesu f'proposta futura biex jiġu implimentati it-tibdiliet riċenti għar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF. L-istandards ġodda tal-FATF jinkludu, b'mod partikolari, ħtieġa li tiġi inkluża informazzjoni dwar il-benefiċjarju fit-trasferimenti elettroniċi, kif ukoll obbligu espliċitu li tittieħed azzjoni ta' ffriżar fir-rigward tar-Riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti.

B'mod partikolari, l-istudju se jiġbor evidenza dwar il-mod kif ir-Regolament dwar Trasferimenti ta' Fondi (1781/2006) qiegħed jaħdem fl-Istati Membri, u kwalunkwe problema li setgħet inqalgħet, filwaqt li jipprovdi rakkomandazzjonijiet rigward it-titjib li jista' jsir.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-introduzzjoni ta' regoli ġodda tal-UE dwar it-trasferimenti ta' fondi huma ssinkronizzati mar-reviżjoni tat-tielet AMLD.

[31] Regolament 1781/2006 dwar informazzjoni dwar min iħallas, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, il-15 ta' Novembru 2006.